**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 120/2004**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Jeffrey Sammut**
**(ID 471387(M))**

**Illum, 29 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jeffrey Sammut** ta' 31 sena, iben Carmelo u Carmen nee` Micallef, imwieled Toronto, il-Kanada fil-5 ta' Frar 1971, residenti ġewwa 'Maple Leaf', Triq l-Imraden, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 471387(M);

Akkużat talli fis-16 ta' Jannar 2002 u fit-tliet xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi

(G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat qed jiġi mixli bl-imputazzjonijiet odjerni ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Frar 2004 u għalkemm ġew miżmuma żewġ seduti għas-smiegħ tal-kawża fit-22 ta' Frar 2005 u fis-17 ta' Mejju 2005 rispettivament, il-kawża bdiet tinstema' fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2005;

Rat ukoll illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll id-digriet tagħha tas-6 ta' Ġunju 2018[1], li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża tal-15 ta' Ġunju 2015[2] u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-22 ta' April 2019, li permezz tagħha nforma lill-Qorti illi kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, li ntemm b'suċċess;[3]

Semgħet ix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tat-8 ta' Jannar 2020, mil-liema jirriżulta illi din hija l-unika kawża pendenti kontra l-imputat odjern;[4]

Rat ukoll illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermatha minnu wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissiet lill-istess imputat bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;[5]

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi għal fini ta' piena tqis illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi dak li wassal sabiex l-imputat jiġi akkużat bl-imputazzjonijiet odjerna kien illi nhar is-16 ta' Jannar 2002,

[1] Ara dan id-digriet a fol. 170 sa 174 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 138 tal-proċess.
[3] Din in-nota tinsab esebita a fol. 188 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 194 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 193 tal-proċess.

waqt osservazzjoni li kienet qegħda tagħmel il-Pulizija Eżekuttiva fuq l-imputat odjern, huwa ġie nnutat jagħmel kuntatt ma' ċertu Mark Anthony Pollacco, li hekk kif ġie mwaqqaf mill-Pulizija, instab fil-pussess ta' żewġt iqratas tal-karti li kienu jikkontjenu d-droga eroina. Sussegwentement twaqqaf ukoll l-imputat odjern li, skont **PC 599 Clive Mangion**[6], sakkar il-vettura tiegħu, beda jibla l-pakketti – "*qishom karti, envelopes zghar*"[7] u x'ħin kien lest minn dan, fetaħ il-bieba tal-istess vettura. Fil-vettura tiegħu nstabet kantuniera ta' borża tal-plastik kontenenti sustanza suspettata eroina, taħt is-*seat* tax-xufier.

L-imsemmi **Mark Anthony Pollacco** irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar is- 16 ta' Jannar 2002, liema stqarrija ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Abigail Lofaro, fis-17 ta' Jannar 2002 u dan ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-istqarrija tiegħu, Pollacco jgħid illi huwa kien akkwista l-eroina li nstabet fil-pussess tiegħu fil-jum in kwistjoni mingħand l-imputat odjern bil-prezz ta' Lm15 u li b'kollox kien xtara l-eroina mingħandu xi tmien darbiet.[8] Sussegwentement l-istess Mark Anthony Pollacco xehed f'dawn il-proċeduri fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2007[9], fejn ikkonferma illi huwa kien akkwista l-eroina misjuba fil-pussess tiegħu fil-jum in kwistjoni mingħand l-imputat odjern u illi jaħseb li kien xtara xi tliet darbiet mingħandu fuq perjodu ta' xahar u nofs jew xahrejn. In kontro-eżami, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, l-istess Pollacco jerġa' jikkonferma illi l-imputat kien tah żewġ pakketti dakinhar li ġie arrestat mill-Pulizija u li huwa kien ukoll ħallsu tagħhom.[10] Fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Lulju 2014, Pollacco għal darb'oħra jikkonferma illi dakinhar l-imputat kien għaddielu żewġ pakketti bl-eroina u jgħid illi jekk ma kinitx l-ewwel darba, din kienet it-tieni jew it-tielet darba li l-imputat qdieh, għalkemm skont hu, l-imputat ġieli tah mill-eroina tiegħu wkoll. Dakinhar madankollu kien ħallas għall-eroina li huwa akkwista.[11] Għalkemm fil-kontro-eżami tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2015, ġie suġġerit lilu mid-difiża illi huwa kien biddel il-verżjoni tiegħu u dan fis-sens illi għall-ewwel sostna mal-Pulizija illi kien jixtri l-eroina minn Paceville[12], il-Qorti tinnota illi dan mhux minnu u illi fil-fatt Pollacco kien indika illi huwa kien jixtri l-*cannabis* u mhux l-eroina minn Paceville u dan b'referenza għal xi sitt snin jew seba' snin qabel il-każ[13]. Altrimenti dwar l-akkwist da parti

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 36 u 37 tal-proċess u a fol. 90 sa 92 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 91 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 8 u 9 tal-proċess verbal li jinsab esebit a fol. 22 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 27 sa 31 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 64 sa 67 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 128 sa 135 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 139 sa 141 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 11 tal-proċess verbal.

tiegħu tal-eroina, huwa baqa' dejjem konsistenti u dan fis-sens illi dejjem sostna illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien akkwista l-eroina mingħand l-imputat.

Jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud**, maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta li saret dwar il-każ odjern, illi fost id-dokumenti li huwa ngħata għall-analizi tiegħu, kien hemm borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 16/01/02, Hin 11.45 pm, Elevat/i minn taht is-seat ta' vettura Nru. AAA-667, fil-prezenza ta' Jeffrey Sammut, minn WPS 45, PC 599, WPC 86", f'liema borża kien hemm speċi ta' borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm borża tal-plastik trasparenti oħra bi trab kannella (Kodiċi tal-Laboratorju 219/08/03). In oltre huwa ngħata wkoll dokument ieħor għall-analizi tiegħu konsistenti f'borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 16/01/02, Hin 10.45 pm, Elevat/i minn fuq il-persuna ta' Mark Anthony Pollacco, fil-prezenza ta' Mark Anthony Pollacco, minn WPS 45", f'liema borża kien hemm kontenitur żgħir tal-plastik li fih kien hemm seba' pilloli bojod, kif ukoll żewġ qratas tal-karti li fihom kien hemm trab abjad (Kodiċi tal-Laboratojru 219/08/05).

Dwar dawn id-dokumenti l-istess espert ikkonkluda illi t-trab kannella li kien hemm f'borża żgħira fid-dokument 219/08/03, f'ammont nett totali ta' <u>0.07 grammi</u> u t-trab abjad li kien hemm fiż-żewġ qratas tal-karti fid-dokument 219/08/05, f'ammont nett totali ta' <u>0.13 grammi</u>, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita` tat-trab abjad għas-sustanza Herojina kienet ta' ċirka 49.3%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-istess relazzjoni, jirriżulta wkoll illi ż-żewġ qratas fid-dokument 219/08/05 kien fihom piż rispettiv ta' 0.07 grammi u 0.06 grammi.[14]

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Jannar 2020, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati fosthom tentattiv ta' serq u serq aggravat f'diversi okkażżjonijiet fis-sena 1988, reati kontravvenzjonali, reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sena 1993, pussess ta' droga eroina fis-sena 1996, serq sempliċi f'Mejju 2001 u pussess aggravat tad-droga eroina fis-sena 2001. Din kienet l-aħħar darba illi l-imputat kiser difrejh mal-ġustizzja.

Illi mill-assjem tal-provi proċesswali jirriżulta wkoll illi l-imputat għandu storja twila ħafna ta' użu ta' sustanzi lleċiti u fiż-żmien li għalih tirrisali l-imputazzjoni odjerna, huwa kien dipendenti fuq id-droga tant illi kif ingħad iżjed 'il fuq, b'digriet

[14] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 43 tal-proċess.

tagħha tas-6 ta' Ġunju 2018, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan wara li rriżultalha illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti, inkluż illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kellu dipendenza fuq id-droga, liema dipendenza ġiet ippruvata, a bażi tal-provi proċesswali, kemm mil-lat ta' gravita`, kif ukoll minn dak mediku. L-użu persistenti tad-droga da parti tal-imputat għal snin twal tirriżulta mix-xhieda ta' Dr. George Grech, li f'Marzu 2017, xehed illi d-dipendenza tal-imputat fuq id-droga eroina kienet waħda serja u l-użu kien ta' kuljum, u illi din il-problema kienet tmur lura xi ħmistax jew tmintax-il sena u għalhekk bejn is-snin 1999 u 2002 ossia ż-żmien tal-każ odjern. Mix-xhieda ta' Noel Cassar, in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, jirriżulta wkoll illi l-imputat imbagħad għamel kuntatt mal-Aġenzija Caritas fis-sena 2002 u beda programm lejn nofs dik is-sena, li juri illi l-entita` tad-dipendenza tal-imputat fuq id-droga, f'dak l-istadju, kienet tant serja illi nħasset il-ħtieġa illi l-imputat isegwi programm residenzjali għar-rijabilitazzjoni tiegħu mid-droga. Kif ingħad, anke mill-fedina penali tiegħu, jirriżulta illi l-imputat diġa` kellu kuntatt mad-droga fis-sena 1996. Għalkemm skont Dr. Grech, kien hemm żmien fejn l-imputat reġa' waqa fil-vizzju, madankollu, jirriżulta wkoll illi eventwalment huwa rnexxielu jżomm il-bogħod mid-droga.

Jirriżulta wkoll mid-diversi rapporti tal-*Key Worker* Leon-David Madden mill-Aġenzija Caritas, li ġew ippreżentati mill-Bord fir-rigward tal-imputat[15] illi huwa baqa' konsistenti fl-attendenza tiegħu għas-sessjonijiet mal-istess *Key Worker*, ikkopera mal-pjan li sar fl-istess sessjonijiet, kien ilu ma jagħmel użu mid-droga għal diversi snin, regolarment baqa' jħalli kampjuni tal-urina taħt superviżjoni, liema kampjuni dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti u rnexxielu jintegra fis-soċjeta` b'tali mod illi jgħix ħajja sana u sempliċi, anke billi jikkontribwixxi għall-għajxien tal-familja tiegħu. Kif ingħad finalment, il-Bord kien sodisfatt bil-progress tal-imputat, tant illi permezz ta' nota tat-22 ta' April 2019, informa lill-Qorti illi kien sodisfatt illi l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat intemm b'suċċess.

Illi jirriżulta ċar u evidenti mill-provi proċesswali illi l-imputat wettaq ir-reati li jinsab akkużat bihom minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kellha l-vizzju tad-droga u kien dipendenti fuq l-istess. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi huwa mpenja ruħu bis-serjeta` sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, tant illi llum qiegħed jgħix ħajja stabbli.

[15] Ara dawn ir-rapporti a fol. 179, 181, 185 u 189 tal-proċess.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Ordni ta' *Probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli.

Tqis ukoll f'dan ir-rigward, in-natura serja tal-imputazzjoni (a) li dwarha l-imputat qed jinstab ħati, iżda mill-banda l-oħra qed tqis ukoll illi l-imputat għamel l-almu tiegħu u rnexxielu jegħleb il-vizzju tad-droga, kif ukoll illi qed jgħix ħajja stabbli b'impjieg fiss. F'dan il-kuntest, il-Qorti jidhrilha illi l-piena m'għandhiex tkun tali illi tistultifika b'xi mod il-progress li għamel l-imputat jew illi b'konsegwenza tagħha jitlef l-impjieg tiegħu, u għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, tqis illi Ordni ta' *Probation* hija idonea, anke sabiex jiġi aċċertat illi l-imputat jibqa' miexi fit-triq li huwa qabad u li jinsab miexi fiha. F'dan il-kuntest, il-Qorti qieset ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Peter Paul Said**, fejn dik il-Qorti ma qieset xejn ċensurabbli fis-sentenza appellata bil-fatt illi l-appellat kien tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal reat li dwaru l-liġi tikkontempla l-piena ta' priġunerija flimkien mal-piena ta' multa, kif inhu l-każ fir-rigward tal-imputazzjoni (a).

Tqis ukoll illi għalkemm dan il-każ jirrisali għas-sena 2002, ħafna mid-dewmien fil-proċeduri kien dovut għall-fatt illi minkejja illi d-difiża għalqet il-provi tagħha f'Mejju 2010, sussegwentement meta nbidel il-Maġistrat sedenti, hija ma eżentatx lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda kollha li kienu ġew prodotti sa dakinhar, bir-riżultat illi din il-Qorti kif diversament preseduta, reġgħet bdiet tisma' l-provi tal-Prosekuzzjoni mill-ġdid, u eventwalment il-proċeduri komplew jitwalu għaliex il-Prosekuzzjoni rriskontrat diffikultajiet sabiex tirrintraċja lix-xhud Mark Anthony Pollacco.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Jeffrey Sammut** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn

mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tal-Ordni ta' *Probation* jew kemm il-darba ma joqgħodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni.

Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ, stante illi l-emenda fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha llum il-Qorti tista' tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' tali spejjeż ġiet introdotta permezz tal-Att XIII tas-sena 2005 u daħlet fis-seħħ nhar il-15 ta' Awwissu 2005 bis-saħħa tal-Avviż Legali 286 tas-sena 2005 u għalhekk wara d-data li għalihom jirreferu r-reati odjerni.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' tmienja u erbgħin Liri Maltin (Lm48) ekwivalenti għas-somma ta' mija u ħdax-il ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€111.81), oriġinarjament esebiti bħala Dok. NC3.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bħala Dok. NC 2 favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti esebiti fl-atti tal-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Abigail Lofaro, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar Uffiċjal tal-*Probation*.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat